27 ta' Ġunju, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Ġużepp Attard**

**Sentenza — Eżekuzzjoni — Art. 661 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Is-sentenzi kriminali ma humiex eżegwibili qabel jumejn minn mindu jingħataw.*

Il-Qorti, — Fuq l-inċident imqajjem minn Ġużepp Attard, li b'sentenza tal-lum. 27 ta' Ġunju 1951, kellu minn din il-Qorti l-konferma tal-kundanna għall-priġunerija għal żmien sitt xhur;

Rat in-nota ta' dak Ġużeppi Attard, li biha dan invoka l-applikazzjoni ta' l-art. 661 K.K., fejn qal li s-sentenza ma tistax tiġi eżegwita minnufih li tingħata, iżda s-sentenzi tal-Qorti Kriminali, ħlief meta jkunu sentenzi ta' liberazzjoni, għandhom jiġu eżegwiti jumejn wara li jingħataw;

Rat in-nota ta' l-Avukat tal-Kuruna, fejn ikkontesta;

Semgħet l-Avukat tal-Kuruna u l-avukat ta' Ġużepp Attard;

Peress li l-art. 661 K.K., wara li jippreskrivi eżekuzzjoni immedjata tas-sentenzi, idaħħal eċċezzjoni għas-sentenzi

tal-Qorti Kriminali, u jgħid li ma humiex eżegwibili qabel jumejn minn mindu jingħataw;

Peress li din hija Qorti Kriminali;

Tiddikjara li s-sentenza mogħtija l-lum għandha tkun eżegwibili kif jippreskrivi l-art. 661 K.K., bħala sentenza ta' dina l-Qorti; salvo, però, li l-Pulizija, jekk jidhrilha li huwa l-każ, tieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa, kompatibilment mal-liġi, biex iżżomm lill-istess Ġużepp Attard taħt għajnejha f'dawn il-jumejn.